



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.11.2011  
SEG(2011) 1453 finali

**DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**IR-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jstabilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta'  
daqqs medju (2014-2020)**

{KUMM(2011) 834 finali}  
{SEG(2011) 1452 finali}

## 1. INTRODUZZJONI

L-iskop ta' dan ir-Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt hu li jeżamina l-impatti mistennija ta' programm tal-UE dwar il-Kompetittività u l-SMEs (2014-2020), kif propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-MFF tad-29 ta' Ġunju 2011<sup>1</sup>.

Biex tħejji din l-inizjattiva, il-Kummissjoni kkonsultat il-partijiet interessati rilevanti u fittxet għarfien espert minn barra. Hija kkommissjonat evalwazzjoni interim u finali tal-programm attwali – il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni<sup>2</sup> – u stħarriġ tal-ispejjeż amministrattivi għall-benefiċċjarji. Hija nediet ukoll konsultazzjoni pubblika<sup>3</sup>. Iż-żewġ studji esterni pprovdew dejta empirika u analiżi bħala għajnuna għall-valutazzjoni tal-impatt<sup>4</sup>.

Fid-dawl tal-effetti li jtulu tal-kriżi ekonomika fuq il-potenzjal tal-kompetittività u tal-intraprenditorija tal-ekonomija Ewropea, b'mod partikolari fuq l-SMEs, hu meħtieġ li jkunu kkonsidrati l-modi possibbli biex jiġu trattati l-problemi bażiċi li jxekklu t-tkabbir fuq livell Ewropew. Din il-kriżi u l-konsegwenzi tagħha wrew li risponsijiet politiċi nazzjonali li mhumiex ikkoordinati għandhom valur limitat, peress li dawn ma jiġbrux il-massa kritika biex jiġu influwenzati l-prestazzjoni u t-tkabbir tan-negozji Ewropej fis-swieq globali, u fit-tul jitolfu l-konsistenza meħtieġa.

## 2. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Fallimenti fis-suq, istituzzjonali u politiċi jdgħajfu l-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, inkluż l-SMEs, u b'mod partikolari l-kapaċità tagħhom li jsiru iżjed sostenibbli kif ukoll il-possibiltajiet tagħhom ta' tkabbir relatat mal-aċċess għas-swieq finanzjarji u globali.

Hu meħtieġ sforz partikolari sabiex jippromwovi l-interess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tas-setturi fejn huma l-iżjed rappreżentati. Wieħed mis-sorsi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħol fl-UE hu l-SMEs, li jiffurmaw 99 % tan-negozji Ewropej, jipprovdu tnejn minn kull tliet impjegi fis-settur privat u jikkontribwixxu għal iżjed min-nofs tal-valur miżjud totali maħluq min-negozji tal-UE. Fl-aħħar ħames snin, 80 % tal-impjegi ġodda fl-Ewropa nħolqu mill-SMEs<sup>5</sup>.

### 2.1. Il-problemi speċifiċi relatati mal-kompetittività u s-sostenibbiltà

L-ambjent għan-negozji fl-Ewropa hu kkaratterizzat minn frammentazzjoni regolatorja transkonfinali u mill-piż amministrattiv eċċessiv fi wħud mill-Istati Membri biex jinbeda negozju. Skont sondaġġi differenti, bejn 70 % u 80 % tan-negozji jqisu d-diffikultajiet amministrattivi fi Stati Membri oħra tal-UE bħala "importanti ħafna" jew "importanti" fid-deċiżjoni jekk għandhomx jagħmlu kummerċ transkonfinali jew le<sup>6</sup>. Dan imur kontra l-

---

<sup>1</sup> COM(2011) 500 finali

<sup>2</sup> [http://ec.europa.eu/cip/documents/implementation-reports/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/cip/documents/implementation-reports/index_en.htm)

<sup>3</sup> [http://ec.europa.eu/cip/public\\_consultation/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/cip/public_consultation/index_en.htm)

<sup>4</sup> Studju dwar is-suċċessur tal-programm attwali u studju dwar it-turiżmu, li saru mill-Economisti Associati.

<sup>5</sup> Structural Business Statistics Database (Eurostat)

[http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/european\\_business/data/database](http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/european_business/data/database)

<sup>6</sup> Il-Bord bi Prova dwar in-Negozju Ewropew, Tilwim Kummerċjali u Rikuperu Transkonfinali tad-Debitu, 14.07.2010–13.08.2010, <http://ec.europa.eu/yourvoice/ebtp>

prinċipju ġenerali li n-negozji li qegħdin f'postijiet bi spiża għolja, bħal fl-Ewropa, għandhom ikunu kapaċi jadattaw b'mod permanenti sabiex jibqgħu kompetittivi fis-suq globali.

## **2.2. Il-problemi speċifiċi relatati mal-intraprenditorija, il-ħolqien tal-SMEs u t-tkabbir**

Skont sħarriġ tal-EuroBarometer fl-2009 ddedikat speċifikament lill-intraprenditorija, 45 % biss taċ-ċittadini Ewropej iridu jaħdmu għal rashom, meta mqabblin ma' 55 % fl-Istati Uniti u 71 % fiċ-Ċina.

## **2.3. Il-problemi speċifiċi relatati mal-aċċess għall-finanzi**

F'bosta Stati Membri, l-SMEs għandhom diffikultajiet biex jieħdu selfa minn istituzzjonijiet bankarji. Skont l-istudju estern<sup>7</sup>, bejn 400 000 u 700 000 SME mhumiex kapaċi jieħdu selfa mis-sistema formali finanzjarja, b'total ta' bejn l-EUR 40 u s-EUR 70 biljun inqas mislufa, minħabba li l-istituzzjonijiet finanzjarji jeħtieġu kollateral sostanzjali u rekords estensivi finanzjarji u tan-negozju. Barra minn hekk, meta mqabbla mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti, dawk start-ups Ewropej għandhom inqas aċċess għal finanzjament ieħor bħall-kapital ta' riskju, speċjalment l-SMEs. Minħabba f'hekk, ħafna intrapriżi Ewropej li qed jikbru malajr, qed jaraw kif jistgħu jespandu fl-Istati Uniti minflok fl-Ewropa<sup>8</sup>.

## **2.4. Il-problemi speċifiċi relatati mal-aċċess għas-swieq**

Skont sħarriġ tal-BĊE fl-2010, l-akbar problema li qed jiffaċċjaw l-SMEs fiż-żona tal-euro hi li "jsibu klijenti" (28 %). Madanakollu, minkejja li jeżisti s-Suq Uniku, l-SMEs xorta qed isibu ostakli sinifikanti biex jagħmlu negozju transkonfinali fl-Ewropa u barra mill-Ewropa. Minħabba f'hekk, 25 % biss tal-SME fl-UE jesportaw direttament barra mis-swieq nazzjonali u 13 % biss jesportaw 'il barra mill-UE<sup>9</sup>. Din is-sitwazzjoni toħloq tħassib, peress li l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji għandha rwol importanti fil-ħolqien tal-impjiegi u fit-tkabbir<sup>10</sup>.

## **2.5. Il-ħtieġa ta' azzjoni fuq livell ta' UE**

- Il-każ ta' azzjoni fuq il-livell ta' UE jistrieħ fuq ħames sorsi ewlenin tal-valur miżjud Ewropew: il-benefiċċji assoċjati mat-**tisħiħ tas-Suq Uniku**, billi tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq foqasma bħall-investment tal-kapital ta' riskju, is-self transkonfinali u t-titjib tal-kreditu, kif ukoll il-limiti informattivi u organizzattivi li ma jħallux lill-SMEs jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li joffri s-Suq Uniku.
- il-possibbiltà li jinkisbu **effetti sinifikanti ta' dimostrazzjoni u katalitiċi**, permezz tat-tixrid tal-aqwa prattiċi industrijali u politiċi. Fil-programm attwali, l-aqwa eżempji fil-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-SMEs fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali jista' jingħażlu għall-kompetizzjoni tal-Premijiet għall-Intrapriża Ewropea.
- il-kisba tal-**ekonomiji ta' skala** foqasma li huma diffiċli għal Stat Membru individwali biex jikseb il-massa kritika meħtieġa. Pereżempju, fil-qasam tal-appoġġ tal-SME barra

---

<sup>7</sup> Ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna

<sup>8</sup> Europe Innova, Meeting the challenge of Europe 2020, Rapport imħejji mill-Bord ta' Esperti fuq l-Innovazzjoni fis-Servizzi fl-UE, Frar 2011.

<sup>9</sup> EIM, Opportunities for the Internationalisation of SMEs, Ġunju 2011.

<sup>10</sup> Ibidem

mill-pajjiż, il-valur miżjud Ewropew jinħoloq b'għaqda ta' sforzi nazzjonali u billi jinħolqu servizzi li ma fihomx massa kritika jekk jingħataw fuq livell nazzjonali (pereżempju, permezz ta' appoġġ lill-infurzar tal-IPR). Il-Helpdesk għall-SMEs dwar l-IPR taċ-Ċina, b'fondi mill-programm attwali, jagħti pariri li ma jkunux disponibbli mod ieħor għall-SMEs minn Stati Membri iżgħar<sup>11</sup>.

- jingħata appoġġ lill-**koerenza u l-konsistenza** fil-miżuri nazzjonali permezz ta' skambju tal-aqwa prattiċi fuq livell Ewropew u valutazzjoni komparattiva<sup>12</sup>. Wieħed mill-aqwa eżempji ta' suċċess fl-eżerċizzji tal-valutazzjoni komparattiva b'fondi mill-programm attwali hu l-azzjoni għal simplifikazzjoni fil-proċeduri għall-istart-ups.
- ***l-għarfien espert uniċi miksub mill-istituzzjonijiet tal-UE:***
  - Dan hu l-każ tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), li l-esperjenza tagħhom fl-iddisinjar u l-implimentazzjoni ta' skemi finanzjarji li jħarsu l-SMEs mhix paralleli. L-esperjenza miksuba mill-FEI tul iżjed minn 10 snin hija ass ta' valur uniku.
  - In-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi kiseb riżultati tanġibbli billi enfasizza fuq il-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs (fis-Suq Intern u lil hinn) bid-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar materji tal-UE, kif ukoll il-possibbiltà li jikkontribwixxi fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Ir-rwol tiegħu hu speċjalment importanti biex jingħelbu assimetriji tal-informazzjoni li jiffaċċjaw l-SMEs u biex jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet fl-attivitajiet transkonfinali. Il-valur tan-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi hu kostitwit minn metodoloġiji, strumenti u għodod kondiviżi li jintużaw minn fornituri kwalifikati tas-servizz li huma mandati u kofinanzjati mill-awtoritajiet reġjonali/nazzjonali tagħhom.

Filwaqt li japplikaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-miżuri kkonsidrati fil-programm attwali jew futur m'għandhomx l-għan li jieħdu post l-azzjonijiet nazzjonali eżistenti, iżda li jikkomplimentawhom. Għalkemm qed ikun hemm bosta inizjattivi fl-Istati Membri biex iħeġġu l-intraprenditorija u biex tkun stimolata l-kompetittività tal-SMEs, hemm il-ħtieġa ta' koordinazzjoni u tpartit tal-aqwa prattiċi. Għall-maġġoranza tal-kwistjonijiet relatati mal-SMEs, l-UE u l-Istati Membri jidhru li għandhom rwol kumplimentari importanti xi jwettqu, minħabba li hemm firxa tal-effetti sekondarji u s-sinerġiji. B'mod partikolari, l-UE għandha rwol importanti biex tattiva l-oqsma u l-għodod politiċi kollha b'mod integrat.

Barra minn hekk, sabiex ikunu kkonsidrati l-limiti baġitarji attwali, il-miżuri kkonsidrati ngħażlu bir-reqqa bħala dawk bl-ogħla valur miżjud tal-UE.

### 3. L-GĦANIJIET

L-għan ġenerali tal-proposta hu li din tikkontribwixxi għall-miri tal-Ewropa 2020 billi jkunu indirizzati l-limiti speċifiċi tat-tkabbir tal-ekonomija Ewropea.

---

<sup>11</sup> Iktar minn 50 000 utent differenti tal-portal elettroniku tal-IPR u tas-servizzi ta' taqlim elettroniku tul l-ewwel tliet (3) snin, b'iżjed minn żewġ (2) miljun ħitt; iżjed minn 30 seminar ta' taħriġ u grupp interattiv ta' ħidma, isiru kull sena, żewġ terzi minnhom isiru fl-Ewropa biex jiġbru t-tħassib tal-SMEs.

<sup>12</sup> EIM, Ġunju 2011.

L-għanijiet ġenerali tewmin ta' din il-proposta huma li jstimulaw il-potenzjal kemm għall-kompetittività u l-intraprenditorija, partikolarment fejn għandu x'jaqşam mal-ħolqien u tkabbir tal-SMEs, fil-ekonomija Ewropea.

L-għanijiet speċifiċi huma li jittejjbu l-kundizzjonijiet qafas għall-kompetittività u sostenibbiltà tan-negozji tal-UE, li ssir promozzjoni tal-intraprenditorija, li jittejjeb l-aċċess għall-finanzji u li jittejjeb l-aċċess għas-swieq.

#### 4. L-GĦAŻLIET TAL-POLITIKA

Bl-Għażla 1, **Xogħol bħas-soltu**, il-programm il-ġdid ikopri l-istess elementi relatati mal-kompetittività u l-SMEs bħalma l-EIP hu mistenni jkopri fl-2013, u jkollu baġit ta' madwar EUR 213-il miljun kull sena.

Bl-Għażla 2 isir il-**Waqfien** tal-interventi finanzjarji attwali kollha, u għalhekk l-iffrankar tal-baġit ikun l-istess bħall-ammont imsemmi fl-Għażla 1.

Ix-Xenarju 3a hu bbażat fuq ir-riżultati tal-istudju estern u jservi biss bħala punt ta' referenza għall-aċċess tal-impatti tal-għażliet 3b u 3c<sup>13</sup>.

L-Għażla 3b tibqa' żżomm il-firxa attwali tal-intervent mal-**espansjoni baġitarja bilanċjata**. L-Għażla 3c tikkostitwixxi l-**espansjoni baġitarja ffokata**, fejn l-appoġġ finanzjarju hu ristrett għall-istrumenti finanzjarji u n-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi.

L-għażliet ikkonsidrati f'dan ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt huma ppreżentati hawn taħt:

**It-Tabella 1 Sommarju tal-Għażliet**

|  | L-Għażla 1  | L-Għażla 2                              | L-Għażla 3   |
|--|---|---|--|
|  | <b>Xogħol bħas-Soltu</b>  | <b>Jitwaqqaf l-intervent tal-UE</b>     | <b>Jespandi l-intervent tal-UE</b>   |
| <b>Il-miżuri</b>   | EUR 213-il miljun/sena  | EUR 0 miljun/sena                       | <b>L-Għażla 3B:</b><br>EUR 340 miljun/sena<br><b>L-Għażla 3C:</b><br>EUR 340 miljun/sena   |
| <b>1 – Attivitajiet biex tittejjeb il-kompetittività Ewropea</b> | Titjib fl-ambjent ekonomiku u regulatorju permezz ta' valutazzjoni komparattiva, l-iskambju tal-aħjar prattiċi u inizjattivi settorjali (EUR 11-il miljun/sena) | Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha | <b>L-Għażla 3B:</b> Xenarju bażi u tnedija ta' firxa ta' azzjonijiet kumplimentari f'oqsma ġodda (eż: r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva) (EUR 14-il miljun/sena);<br><b>L-Għażla 3C:</b> Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha |
| <b>2 – Tinhoq tal-politika</b>                                   | L-implimentazzjoni tal-SBA u r-Reviżjoni tiegħu fuq   | Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali        | <b>L-Għażla 3B:</b> L-istess bħal-għażla ta' Xenarju bażi  |

<sup>13</sup> Is-suppożizzjonijiet baġitarja f'dan l-istudju mhumiex konsistenti mal-proposta finali tal-Kummissjoni għall-MFF li jmiss peress li l-istudju kien diġà kkummissjonat fl-2010, iżda l-analiżi kwantitattiva tibqa' rilevanti. Minħabba f'hekk, ix-Xenarju 3a tneħħa mit-tabelli li ġejjin.

|  |  |  |   |
|--|--|--|---|
| <b>SMEs u ssir promozzjoni tal-kompetittività tal-SMEs</b>   | livell Ewropew u nazzjonali (eż: il-promozzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir") (EUR 9 miljun/sena)   | kollha   | (EUR 9 miljun/sena);<br><b>L-Għażla 3C:</b> Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha   |
| <b>3 – Kunċetti ġodda tan-negozju għal prodotti sostenibbli, ibbażati fuq id-disinn u skont ix-xewqa tal-utent</b> | Analiżi bbażata fuq prodotti tal-konsumatur ibbażati fuq id-disinn u miżuri ta' appoġġ fl-oqsma tal-IPR jew tan-negozju elettroniku (EUR 1 miljun/sena)  | Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha  | <b>L-Għażla 3B:</b> Jintużaw l-istrumenti bħall-"proġetti ta' replikazzjoni tas-suq" f'oqsma fejn l-SMEs isibu ostakli biex jadottaw teknoloġiji ġodda ekosostenibbli u kunċetti ġodda tan-negozju skont ix-xewqa tal-utent (EUR 12-il miljun/sena);<br><b>L-Għażla 3C:</b> Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha     |
| <b>4 – It-turiżmu</b>  | Jissoktaw l-inizjattivi attwali fil-qasam tat-turiżmu kofinanzjati mis-CIP/EIP (eż: segwiment għall-azzjonijiet preparatorji għal turiżmu sostenibbli: EDEN, CALYPSO) (EUR 5 miljun/sena)                | Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha  | <b>Ix-Xenarju 3B:</b> Espansjoni tal-firxa tal-intervent għal attivitajiet ġodda relatati mas-sostenibbiltà u li jimmiraw lejn id-diversifikazzjoni tal-prodotti u s-servizzi (EUR 18-il miljun/sena);<br><b>L-Għażla 3C:</b> Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha   |
| <b>5 – Attivitajiet għall-promozzjoni tal-Intraprenditorija</b>  | Jitħeġġeġ l-iżvilupp fil-ħiliet u l-attitudnijiet intraprenditorjali, inkluż it-partit ta' programmi għall-imprednturi (EUR 11-il miljun/sena)   | Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha  | <b>L-Għażla 3B:</b> Ftit mill-għażla ta' Xenarju bażi u espansjoni modesta tal-attivitajiet iffokati fuq iż-żieda fin-numru ta' tpartit (EUR 12-il miljun/sena);<br><b>L-Għażla 3C:</b> Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha   |
| <b>6 – L-istrumenti finanzjarji</b>  | Jissokta l-appoġġ tal-aċċess għall-finanzi, primarjament minn dispożizzjoni tal-garanziji lill-SMEs u fondi tal-Kapital ta' Riskju mmirati fuq kumpaniji fl-istadji ta' tkabbir (EUR 113-il miljun/sena) | Jitwaqqdu l-interventi diretti kollha fl-istrumenti finanzjarji, b'azzjoni tal-UE limitata għat-tneħħija tal-ostakli regolatorji tal-kapital ta' riskju transkonfinali | <b>L-Għażla 3B:</b> Kważi jirduppjaw ir-riżorsi bl-istess firxa ta' strumenti li jiffinanzjaw kemm id-debitu u l-ekwità (EUR 200 miljun/sena);<br><b>L-Għażla 3C:</b> Espansjoni ffokata fuq l-attivitajiet, li tirrifletti żieda fil-finanzi tal-qsim tar-riskju f'kapital ta' riskju u mezzanin (EUR 280 miljun/sena) |
| <b>7 – In-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi</b>  | Jinżammu kif inhuma r-rwol u l-firxa tan-Netwerk (EUR 60 miljun/sena)  | Jitwaqqaf l-appoġġ finanzjarju dirett kollu lill-konsorzji reġjonali tan-Netwerk   | <b>L-Għażla 3B:</b> L-istess bħal-għażla ta' Xenarju bażi (EUR 60 miljun/sena)<br><b>L-Għażla 3C:</b> Jiġi orjentat mill-ġdid in-Netwerk bħala punt ta' dħul għall-finanzjament ta' ekwità (EUR 60 miljun/sena)   |
| <b>8 – Appoġġ lill-SMEs barra mill-pajjiż</b>  | Jissoktaw l-inizjattivi attwali (jiġifieri appoġġ finanzjarju limitat lill-inizjattivi magħżula bħall-Helpdesk għall-SME dwar l-IPR ta-  | Titwaqqaf kull forma ta' inizjattivi diretti   | <b>L-Għażla 3B:</b> Espansjoni tal-firxa ta' strumenti li tinkludi: a) attivitajiet ta' koordinazzjoni u tixrid tal-informazzjoni b) appoġġ finanzjarju lill-istrutturi eżistenti li  |

|   |   |   |  |
|---|---|---|--|
|   | Ċina) (EUR 2 miljun/sena)   |   | jgħinu l-SMEs fi swieq terzi ewlenin; ċ) stabbiliment possibbli taċ-ċentri ta' appoġġ tal-UE fejn xieraq (EUR 12-il miljun/sena);<br><br><b>L-Għażla 3C:</b> Titwaqqaf kull forma ta' inizjattivi diretti  |
| <b>9</b><br><b>Kooperazzjoni industrijali internazzjonali</b> | Jissoktaw l-inizjattivi attwali ffokati fuq kooperazzjoni tal-politika tal-SMEs u industrijali ma' pajjiżi terzi ta' "Qrib l-Ewropa" bil-għan li tkun faċilitata l-konverġenza tal-UE u l-pajjiżi terzi tal-oqfsa regolatorji u tal-politika industrijali (EUR 1 miljun/sena) | Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha | <b>L-Għażla 3b:</b> Espansjoni tal-firxa ta' strumenti li tinkludi: a) djalogi industrijali u regolatorji ma' pajjiżi terzi; b) djalogi ta' negozju ma' negozju ma' pajjiżi terzi; c) kooperazzjoni tal-politika industrijali tal-SMEs (EUR 3 miljun/sena);<br><br><b>L-Għażla 3C:</b> Jitwaqqfu l-attivitajiet attwali kollha |

## 5. IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Sa l-iżjed possibbli, saret valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-impatti għall-għażliet kollha. Sar sforz biex jiġu kwantifikati l-impatti ewlenin tal-PDG (valur miżjud), il-valur tas-self/investment mobilizzat u l-impjieg, kif ukoll in-numru ta' kumpaniji assistiti. Madanakollu, il-kwantifikazzjoni wriet li ma kinitx fattibbli fil-każ tal-istrumenti indiretti, jiġifieri dawk bil-għan li joħolqu u jiffaċilitaw il-kundizzjonijiet tas-suq għall-SMEs, u li l-impatt aħħari tagħhom jiddependi fuq l-imġiba tal-parteciċipanti u amministrazzjonijiet tas-suq. Għalhekk, l-eżerċizzju ta' kwantifikazzjoni kkonċerna lill-Istrumenti Finanzjarji u, sa ċertu punt, lin-Netwerk Ewropa tal-Intrapriżi.

Rigward l-effiċjenza tal-għażliet proposta, l-analiżi kwantitattiva kopriet żewġ aspetti: (i) l-effikaċja tal-ispiża tal-miżuri proposti fir-rigward tal-proporzjonijiet tal-ispiża li jirrelataw in-nefċiet tal-baġit mal-impatti mistennija f'termini tal-ispiża marġinali tal-impjieg u l-impatt inkrementali mal-ispiża tal-baġit, u (ii) n-nefċiet amministrattivi mkejla bil-proporzjon tal-ispiżi amministrattivi tal-persunal mal-baġit ġenerali. Rigward l-istrumenti finanzjarji, l-analiżi kkonsidrat in-nefċiet għall-immaniġġjar ta' bosta faċilitajiet, bħall-ħlas lill-Fond Ewropew tal-Investment u lil intermedjarji finanzjarji.

### L-Għażla 1: Xogħol bħas-Soltu

L-Għażla ta' Xogħol bħas-Soltu tilħaq l-għanijiet tal-politika għall-programm propost sa ċertu limitu biss. Fid-dawl tal-effetti tal-kriżi ekonomika fuq in-negozji, l-Għażla 1 tkun t'fisser li l-inizjattivi li qed joperaw bħalissa taħt l-iskala ottima jibqgħu sottożviluppata, u oqsma oħra li jeħtieġu espansjoni tal-azzjoni tal-UE (bħall-istrumenti finanzjarji) ibatu minn nuqqas ta' sett ta' inizjattivi tal-UE li huma konsistenti u li jżidu l-benefiċċji.

(a) L-Effettività: Madanakollu hu stmat li l-**impatti ekonomiċi** se jkunu sinifikanti, f'termini ta' appoġġ dirett kif ukoll indirett. Rigward l-impatti netti tal-istrumenti finanzjarji, dawn huma mistennija jwasslu għal żieda fil-PDG ta' madwar EUR 660 miljun u jiġġeneraw madwar EUR 1,8 biljun f'iżjed investment iffaċilitat ta' self/ekwità. L-attivitajiet tan-Netwerk huma mistennija jiġġeneraw żieda ta' EUR 200 miljun fid-dħul inkrementali tal-kumpaniji assistiti. Huma mistennija **impatti soċjali** pożittivi tal-istrumenti finanzjarji f'termini ta' ħolqien u/jew salvagwardja ta' iżjed minn 16 000 impjeg f'madwar 26 000 kumpanija

assistita. Barra minn hekk, l-attivitajiet tan-Netwerk huma mistennija jiġġeneraw u/jew jissalvagwardjaw 1 000 impjeg, kif ukoll jiżviluppaw 900 prodott, servizz jew proċess ġdid kull sena. L-**impatti ambjentali** huma pożittivi minħabba l-appoġġ ambjentali provdut bin-netwerking, il-finanzjament u l-investment f'soluzzjonijiet effiċjenti fi-rigward tar-riżorsi u b'impatt baxx, permezz tan-Netwerk Ewropa tal-Intrapriżi. Pereżempju, sal-2011, is-sħab tan-Netwerk huma mistennija jwasslu servizzi relatati mal-ambjent lil madwar 7 500 SME u jiffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni ma' iżjed minn 400 fornitur ta' servizz ambjentali. Huma mistennija **sinerġiji** modesti fost il-komponenti differenti tal-programm, l-iżjed prominenti bejn l-Istrumenti Finanzjarji u n-Netwerk Ewropa tal-Intrapriżi. Rigward l-attivitajiet oħra, in-Netwerk Ewropew tal-Ambaxxaturi Imprendituri Nisa ispirat mill-programmi nazzjonali tal-Isvezja u r-Renju Unit li jipprovdu promozzjoni u appoġġ lil nisa li jridu jew qed iħejju biex jibdeu intrapriża ġdida, se jkun ikkumplimentat mill-2011 'il quddiem min-Netwerk Ewropew tal-Konsulenti għall-Imprendituri Nisa, li se jipprovdi servizzi ta' konsulenza lil imprendituri nisa li għadhom kif bdew negozju.

(b) L-Effiċjenza: L-effettività fir-rigward tal-ispiża għall-istrumenti finanzjarji (mkejla f'termini tal-ispiża għal kull impjeg li jinħoloq u/jew jkun salvagwardjat) hi stmata bħala EUR 2 735 għal kull impjeg. Rigward l-ispejjeż amministrattivi ġenerali, l-impatt tal-ispejjeż tal-impjegati fuq il-baġit totali hu ta' 5,8 % - primarjament minħabba l-ispejjeż tal-persunal.

(ċ) F'termini ta' Koerenza, il-loġika tal-intervent tal-programm attwali tkun relatata ma' aspetti oħra tal-Politika tal-UE dwar il-Kompetittività u l-SMEs, bħala referenza għall-Inizjattivi Ewlenin tal-Ewropa 2020 jew il-prijoritajiet tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar.

## **L-Għażla 2: Il-Waqfien**

L-Għażla ta' Waqfien ma tilħaqx l-għanijiet tal-politika u l-impatti tagħha huma ġeneralment negattivi, kemm f'termini soċjali kif ukoll ambjentali, meta mqabbla max-xenarju bażi.

(a) L-Effettività: L-uniku impatt pożittiv ta' din l-għażla jkun mil-lat tal-iffrankar tal-ispiża.

(b) L-Effiċjenza: L-għażla ta' waqfien twassal għal tnaqqis sinifikanti fl-effiċjenza tal-ġestjoni tal-programm mill-Istati Membri minħabba l-frammentazzjoni tal-ġestjoni tal-programmi nazzjonali individwali, minflok il-benefiċċji tal-koordinazzjoni minn programm pan-Ewropew.

(ċ) Il-Koerenza: L-għażla ta' waqfien ikollha riżultati negattivi f'termini tal-inkonsistenza tal-approċċi nazzjonali għall-politika tal-kompetittività, kif ukoll in-nuqqas ta' dimensjoni Ewropea.

## **L-Għażla 3: l-Espansjoni**

Ġew esplorati livelli differenti ta' espansjoni tal-Programm attwali permezz tax-xenarju maħsub mill-istudju estern bħala punt ta' riferiment, li mhux ikkonsidrat bħala għażla vijabbli.

### **Ix-Xenarju 3a: L-Aħjar Espansjoni**

Ix-Xenarju 3a jikseb l-għanijiet tal-programm sa ċertu punt konsiderevoli, iżda bi spiża mhux realistika.

(a) L-Effettività: L-istrumenti finanzjarji jħallu **impatti ekonomiċi** diretti pożittivi, li huma stmata f'żieda fil-PDG ta' madwar EUR 2,3 biljun dis-sena u EUR 7,2 biljun f'iżjed

investiment ta' self/ekwità meta mqabbla max-xenarju bażi. L-attivitajiet tan-Netwerk mhumiex mistennija jagħtu riżultat addizzjonali meta mqabbla max-xenarju bażi. Il-baġit tal-attivitajiet l-oħra jiżdied konsiderevolment ukoll f'dan ix-xenarju u, f'termini kwalitattivi, l-attivitajiet li jtejbju l-kompetittività u l-intraprenditorija Ewropea jwasslu għal politiki rilevanti bbażati fuq l-aqwa prattiċi implimentati fuq livell ta' UE u ta' Stat Membru. Hemm ukoll **impatti soċjali** pożittivi fir-rigward tal-impjegi: Hija mill-ġdid mistennija kontribuzzjoni maġġuri mill-istrumenti finanzjarji, għax mistennija jikkontribwixxu għall-ħolqien u/jew il-priżervazzjoni ta' iżjed minn 50 000 impjieg billi jassistu lil iżjed minn madwar 65 000 kumpanija meta mqabbla mal-għażla ta' xenarju bażi, u n-Netwerk joħloq jew jissalvagwardja 1 750 impjieg iżjed kull sena. L-**impatti ambjentali** pożittivi huma mistennija jkunu oġġla b'mod sinifikanti meta mqabbla max-xenarju bażi, minħabba li jiżdiedu l-inizjattivi ta' appoġġ lil proċessi u prodotti ekosostenibbli f'setturi industrijali u turiżmu mmirati. L-espansjoni tan-Netwerk tifrex ir-regoli ambjentali tal-UE fiżjed pajjiżi terzi, u tiġġeneralizza l-aqwa prattiċi.

(b) L-Effiċjenza: L-effikaċja tal-ispiża hi stmata bħala EUR 4 732 għal kull impjieg. L-incidenta tal-ispejjeż tal-impjegati fuq il-baġit totali hi mistennija tkun ta' 2,6 %, primarjament minħabba żieda sinifikanti fil-baġit għall-istrumenti finanzjarji.

(ċ) Il-Koerenza: Dan ix-Xenarju jespandi l-attivitajiet attwali sabiex jilħaq politiki u programmi oħra tal-UE, sabiex jimmassimizza l-potenzjal ta' valur miżjud fl-intervent fuq livell ta' UE.

### **Is-Subgħażla 3b: L-Espansjoni Bilanċjata**

L-Għażla tal-Espansjoni Bilanċjata tikseb l-għanijiet tal-politika b'mod sodisfaċenti billi toħloq bilanċ u talloka r-riżorsi baġitarji skarsi kif xieraq.

(a) L-Effettività: L-**impatti ekonomiċi** tal-istrumenti finanzjarji huma mistennija jwasslu għal żieda fil-PDG ta' madwar EUR 500 miljun iżjed mil-livell ta' xenarju bażi u jiġġeneraw madwar EUR 1,7 biljun fiżjed investiment ta' self/ekwità. Mhux mistenni iżjed impatt min-Netwerk meta mqabbla mal-għażla ta' xenarju bażi.

L-allokkazzjoni baġitarja għall-attivitajiet oħra tkun żdiedet sabiex tikseb skala iżjed xierqa. Żieda limitata fil-baġit tal-appoġġ għall-kompetittività Ewropea tagħmilha possibbli li jiġu implimentati wħud mill-azzjonijiet ġodda inklużi fl-inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 "Politika Industrijali Integrata għall-Era ta' Globalizzazzjoni" meta mqabbla mal-għażla ta' xenarju bażi, bħal inizjattivi relatati mar-responsabbiltà soċjali korporattiva. Fir-rigward tal-iżvilupp tal-politika tal-SMEs, se jinżamm l-istess baġit tax-xenarju bażi u huma mistennija l-istess impatti. Fir-rigward tal-appoġġ tan-negozju tal-SMEs fi swieq barra mill-UE, żieda konsiderevoli fl-appoġġ finanzjarju twassal għal żieda fil-preżenza diretta tal-SMEs fis-swieq globali ewlenin, billi dawn ikunu jistgħu jistrieħu fuq għajjnuna speċjalizzata. Kooperazzjoni internazzjonali mtejbja tħalli wkoll impatti pożittivi fuq l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji.

Fir-rigward tal-**impatti soċjali**, l-istrumenti finanzjarji hum mistennija jassistu madwar 13 000 kumpanija, u allura jiġġeneraw u/jew jissalvagwardjaw 11 000 impjieg iżjed mill-għażla ta' xenarju bażi.

L-attivitajiet l-oħra huma mistennija jżidu l-kooperazzjoni bejn min ifassal il-politika fuq livell ta' UE u nazzjonali, u ssir enfasi b'saħħitha biex jiġu identifikati u jixterdu l-aqwa prattiċi, b'effetti sinifikanti. B'mod ġenerali, il-miżuri maħsuba ġew iddisinjati biex jaċċettaw il-gruppi kollha tal-atturi ekonomiċi u allura mingħajr diskriminazzjoni. L-attivitajiet

maħsuba biex jimpromwovu l-intraprenditorija huma eċċezzjoni, peress li dawn huma ddisinjati biex jimmiraw ukoll għal gruppi speċifiċi. L-għan tagħhom hu li jippromwovu u jhegħgu l-intraprenditorija fost is-soċjetajiet Ewropej, inklużi l-intraprendituri soċjali, in-nies qiegħda għal tul ta' żmien, ħaddiema anzjani, migranti u minoritajiet etniċi. Pereżempju, l-attivitajiet li jippromwovu l-intraprenditorija huma mistennija jwasslu għal effett dirett fuq l-impjiegi ta' 300-400 impjieg iżjed, minħabba l-internazzjonalizzazzjoni tal-impredituri benefiċjarji.

**L-impatti ambjentali** mhumiex mistennija jkunu ogħla b'mod sinifikanti mix-xenarju bażi.

Huwa mistenni impatt aggregat sinifikanti minħabba s-**sinerġiji** bejn il-komponenti differenti tal-programm, meta mqabbla max-xenarju bażi, peress li l-finanzjament riinforzat tal-miżuri differenti hu mistenni li jżid il-kooperazzjoni bejn min ifassal il-politika fuq livell ta' UE u nazzjonali. Issir enfasi b'saħħitha biex jiġu identifikati u jixterdu l-aqwa prattiċi. In-Netwerk ikun il-qalba ċentrali li tgħaqqad il-komponenti differenti, jimmultiplikja s-sinerġiji bejn il-miżuri bħall-appoġġ lill-SMEs barra mill-pajjiż u l-kooperazzjoni industrijali internazzjonali. Eżempju ieħor tas-sinerġiji mistennija hu l-interazzjoni bejn in-Netwerk Ewropa għall-Intrapriżi u l-istrumenti finanzjarji. L-"użu" tan-Netwerk għall-promozzjoni tal-istrumenti finanzjarji, pereżempju, jneħħi l-ħtieġa ta' iżjed attivitajiet ta' promozzjoni. L-attivitajiet biex itejbu l-kompetittività Ewropea, fuq naħa, u l-attivitajiet biex jiżviluppaw il-politika tal-SMEs u biex jippromwovu l-intraprenditorija, fuq in-naħa l-oħra, jirriinforzaw b'mod reċiproku, peress li lkoll iridu jtejbju l-kundizzjonijiet qafas li skonthom joperaw in-negożji Ewropej.

(b) **L-Effiċjenza:** L-effettività fir-rigward tal-ispiża hi stmata bħala EUR 2 824 għal kull impjieg. Fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi ġenerali, l-impatt tal-ispejjeż tal-impjiegi fuq il-baġit totali hu mistenni jkun ta' 4,1 %.

(ċ) **Il-Koerenza:** Din is-Subgħażla tipprova toħloq bilanċ vijabbli bejn l-għanijiet differenti biex timmassimizza l-potenzjal għal valur miżjud tal-interventi fuq livell ta' UE, f'bosta oqsma relatati mal-kompetittività tal-UE u l-politika tal-SMEs u identifikati fl-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020 u programmi oħra tal-UE.

### **Is-Subgħażla 3c: L-Espansjoni Ffokata**

L-Għażla 3c tikseb parzjalment l-għanijiet tal-politika billi tiffoka biss fuq subsett speċifiku tal-problemi tal-kompetittività u l-intraprenditorija tal-ekonomija Ewropea.

(a) **L-Effettività:** Rigward **l-impatti ekonomiċi**, huma mistennija impatti kwantifikabbli pożittivi minħabba żieda fl-aċċess għall-finanzi. Meta mqabbla max-xenarju bażi, il-konċentrazzjoni tar-riżorsi prinċipalment fuq l-istrumenti finanzjarji tippermetti tnaqqis fid-diskrepanzi stmati tas-suq għall-finanzjament tal-SMEs. L-effetti strutturali fuq is-suq tal-kapital ta' riskju jkunu limitati. Meta mqabbla max-xenarju bażi, madanakollu, l-istrumenti finanzjarji huma mistennija joħolqu żieda fil-PDG ta' madwar EUR 0,3 biljun u EUR 1,1 biljun fil-forma ta' iżjed investment iffaċilitat ta' self/ekwità.

B'din l-għażla, il-fokus tal-istrumenti finanzjarji jkun li jindirizzaw il-ħtiġijiet finanzjarji tal-intrapriżi orjentati lejn tkabbir u primarjament dawk li qed jippjanaw għall-internazzjonalizzazzjoni. Iż-żieda fir-riżorsi tippermetti iżjed intrapriżi friski li jibbenefikaw minn garanziji ta' self u ekwità. Iżjed minn nofs ir-riżorsi f'dan ix-xenarju jkunu allokati għall-istrumenti ta' ekwità.

Huma mistennija ftit iżjed impatti min-Netwerk meta mqabbla max-xenarju bażi minħabba l-bidla fil-prijorità, li din issir "punt ta' dħul" biex tgħin lill-SMEs jaċċessaw il-finanzi. Madanakollu, dan l-effett mhux kwantifikabbli.

L-ispejjeż ekonomiċi ewlenin b'din l-għażla għandhom x'jaqsmu mal-ispejjeż tal-opportunità li ma jiġix sfruttat il-valur miżjud Ewropew li jista' jinholq bl-oħra, bl-attivitajiet ta' appoġġ fuq skala żgħira li hu propost mill-għażla ta' xenarju bażi u mill-Għażla 3b. Mhumiex possibbli li jkun kwantifikat l-impatt ekonomiku ta'ghom peress li l-maġġoranza ta'ghom huma strumenti indiretti.

Din l-għażla tinvolvi **impatti soċjali** pożittivi mill-istrumenti finanzjarji, li jwasslu għal 5 300 impjeg iżjed kull sena meta mqabbla max-xenarju bażi. Madanakollu din l-għażla tħalli impatt negattiv minħabba li jintilfu l-opportunitajiet tal-valur miżjud Ewropew għax jitwaqqfu l-attivitajiet fuq skala żgħira tax-xenarju bażi. Mingħajr l-attivitajiet ta' appoġġ lill-SMEs barra mill-pajjiż, x'aktarx l-SMEs Ewropej jirnexxilhom inqas jaħtfu l-opportunitajiet li joħorġu fis-swieq li enfasizzaw studji riċenti, u allura jfisser li din l-għażla tħalli impatti soċjali u ekonomiċi negattivi.

**L-impatti ambjentali** huma mistennija jkunu pożittivi, iżda mhux oġġla b'mod sinifikanti mix-xenarju bażi.

L-impatt aggregat minħabba s-**sinerġiji** bejn il-komponenti differenti tal-programm propost f'dan ix-xenarju hu meqjus inferjuri ħdejn ix-xenarju bażi, peress li jkun fih biss is-sinerġiji bejn l-Istrumenti Finanzjarji u n-Netwerk.

(b) L-Effiċjenza: L-effikaċja tal-ispiża hi stmata bħala EUR 4 385 għal kull impjeg. Rigward l-ispejjeż amministrattivi ġenerali, l-impatt tal-ispejjeż tal-impjegati fuq il-baġit totali hu mistenni jkun ta' 4,9 % primarjament minħabba l-ispejjeż tal-persunal.

(ċ) Il-Koerenza: Din is-subgħażla jonqosha sinerġiji u konnessjonijiet sostanzjali ma' għanijiet u programmi oħrajn tal-UE, peress li hija tiffoka primarjament fuq l-aċċess għall-finanzi tan-negożji tal-UE.

## 6. IT-TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, it-tabelli li ġejjin jivvalutaw l-għażliet f'termini tal-impatti, jieħdu x-xenarju bażi bħala l-valutazzjoni komparattiva u jqabblu miegħu l-bqija tal-għażliet (it-Tabella 2) u l-kriterji tal-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza (it-Tabella 3).

L-effettività ta' kull waħda miż-żewġ għażliet tal-espansjoni kkonidrati għall-istrumenti finanzjarji hija sensitiva għal x'fiha l-miżura. L-Għażla 3b għandha sehem ikbar tal-istrument tal-garanzija minn Għażla 3c u, għalhekk, minħabba ingranaġġ ħafna iżjed oġġla tal-garanziji, jibbenefikaw ħafna iżjed intrapriżi u jinħolqu iżjed impjeg, u allura twassal għal valur miżjud oġġla (il-PDG) għal kull unità tar-riżorsi baġitarji. L-Għażla 3c issejset fuq il-kunċetti ta' prodott u servizz ġdid iffinanzjati mill-kapital ta' riskju, li jistgħu jiġġeneraw valur miżjud oġġla u tkabbir mal-medda taż-żmien. L-infiq tal-kapital ta' riskju transkonfinali jista' jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tas-suq tal-ekwità u jsaħħaħ l-ekosistema entraprenditorjali b'impatti li jtulu fuq l-ekonomija.

### It-Tabella 2 It-tqabbil tal-impatti tal-għażliet

|                                     | Il-Baġit               | Ekonomiċi  | Soċjali   | Ambjentali   |
|-------------------------------------|------------------------|--|---|--|
| L-Għażla 1 (ta' xenarju bażi)       | EUR 213-il miljun/sena | EUR 660 miljun kull sena żieda fil-PDG<br><br>EUR 1,8 biljun fiżjed investiment ta' self/ekwità<br><br>EUR 200 miljun fi dħul inkrementali kull sena | Jiġu assistiti 26 000 kumpanija<br><br>Jinħolqu u/jew jiġu salvagwardjati 17 000 impjieg<br><br>Kull sena jinħolqu 900 prodott, servizz jew proċess ġdid  | Sal-2011, involviment ta' mill-inqas 7 500 SME fiżjed minn 400 ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat ma' fornituri ta' servizzi ambjentali. |
| L-Għażla 2:                         | EUR 0 miljun/sena      | 0  | 0   | 0  |
| L-Għażla 3b – l-espansjoni moderata | EUR 340 miljun/sena    | EUR 500 miljun fiżjed żieda fil-PDG.<br><br>EUR 1,7 biljun fiżjed investiment ta' self u ekwità  | Jiġu assistiti 3 000 kumpanija iżjed<br><br>Jinħolqu u/jew jiġu salvagwardjati 12 500 impjieg iżjed<br><br>Jinħolqu 200 kumpanija iżjed li għadhom jibdeu | L-ebda bidla relattiva max-xenarju bażi  |
| L-Għażla 3c – l-espansjoni ffokata  | EUR 340 miljun/sena    | EUR 300 miljun fiżjed żieda fil-PDG.<br><br>EUR 1,1 biljun fiżjed investiment ta' self u ekwità  | Jinħolqu u/jew jiġu salvagwardjati 5,300 impjieg iżjed  | L-ebda bidla relattiva max-xenarju bażi  |

**It-Tabella 3 It-tqabbil tal-għażliet skont it-tliet dimensjonijiet**

|                                     | Il-Baġit               | L-Effettività | L-Effiċjenza | Il-Koerenza |
|-------------------------------------|------------------------|---------------|--------------|-------------|
| L-Għażla 1 (ta' xenarju bażi)       | EUR 213-il miljun/sena | 0             | 0            | 0           |
| L-Għażla 2:                         | EUR 0 miljun/sena      | ---           | -            | ---         |
| L-Għażla 3b – l-espansjoni moderata | EUR 340 miljun/sena    | ++            | 0            | ++          |

|                                    |                     |   |   |    |
|------------------------------------|---------------------|---|---|----|
| L-Għażla 3c – l-espansjoni ffokata | EUR 340 miljun/sena | - | + | -- |
|------------------------------------|---------------------|---|---|----|

Tifsira: (---) negattiv ħafna, (--) negattiv, (-) ftit negattiv, (0) l-ebda bidla, (+) ftit pożittiv, (++) pożittiv, (+++) pożittiv ħafna

Hu ċar li l-Għażla 2 ma jirnexxlihiex tindirizza l-problemi bażiċi tal-kompetittività u l-intraprenditorija. Il-waqfien tal-programm ineħħi wkoll il-kontribuzzjoni tal-UE biex tittratta l-effetti tal-kriżi ekonomika fuq in-negozji ż-żgħar.

L-unika għażla realistika, apparti li jinżomm l-istatus quo tal-Għażla 1, hi bejn l-Għażla 3b u l-Għażla 3c. Filwaqt li l-Għażla 3c tikkonċentra l-baġit fuq żewġ miżuri biss, l-Għażla 3b tipprowa toħloq bilanċ bejn l-inizjattivi differenti sabiex timmassimizza l-potenzjal għal valur miżjud ta' intervent fuq livell ta' UE fuq qasam usa' tal-attività. Din tinvolvi wkoll li jinħoloq bilanċ bejn l-istrumenti finanzjarji differenti. L-Għażla 3b, għalhekk, hi iktar effettiva meta tiġi biex tilħaq l-għanijiet tal-programm u ttiprovdi sett koerenti ta' attivitajiet Ewropej ta' appoġġ. Il-kompetittività tffisser bosta xorti, u mhux biżżejjed li r-riżorsi jkunu kkonċentrati fuq l-istrumenti finanzjarji u n-Netwerk biss. Madanakollu, firxa usa' ta' attivitajiet ma ssirx mingħajr prezz. Din tinvolvi numru akbar ta' impjegati u allura iżjed spejjeż amministattivi. Barra minn hekk, il-konsultazzjoni pubblika mal-partijiet interessati wriet sew li iżjed minn 80 % ta' dawk li wiegħbu jappoġġaw l-attivitajiet kollha maħsuba. Peress li toffri l-iżjed soluzzjoni komprensiva, l-Għażla 3b hi dik preferuta.

## 7. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Is-sistema għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi futuri tibni fuq ġerarkija soda ta' għanijiet loġikament interdipendenti b'sett korrispondenti ta' indikaturi rilevanti, u tadotta approċċ olistiku fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-attivitajiet maħsuba. Meta mqabbel mal-programm attwali, fis-sistema tal-ġbir tad-dejta u l-analiżi u kif ukoll fl-approċċ tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, se jsir dan it-titjib li ġej:

- ***jinħoloq sett ġdid ta' indikaturi speċifiċi u arranġamenti tal-monitoraġġ;***
- ***issir transreferenza għall-indikaturi ewlenin tal-Ewropa 2020*** sabiex jitmexxa l-proċess tal-ġestjoni tal-programm u sabiex jingħata sostenn ulterjuri lill-proċess ta' monitoraġġ tal-Ewropa 2020;
- ***jintużaw metodoloġiji kontro-fattwali***, sabiex jitqabblu kampjuni ta' benefiċjarji ma' sett simili ta' mhux benefiċjarji, jekk rilevanti, u sabiex issir distinzjoni bejn l-impatt tal-programm fuq l-indikaturi proposti u l-effett tal-bidla fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi.
- ***isir rikors tal-evalwazzjonijiet tematiċi*** fid-diversi komponenti tal-programm futur, fejn rilevanti.

Is-sistema tal-monitoraġġ u l-indikaturi użati għall-valutazzjoni tal-programm attwali diġà kienu soġġetti għal studju estern speċifiku u għall-evalwazzjoni finali tal-EIP. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn is-sorsi ntużaw biex jittejjeb il-monitoraġġ tal-programm attwali li se jopera sal-2013. Barra minn hekk, fl-implimentazzjoni tal-programm attwali u fl-iddisinar tas-sistema ta' monitoraġġ u tal-indikaturi tas-sistema l-ġdida se jkunu kkonidrati wkoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' eżerċizzju riċenti tal-Awditjar IAS tal-Prestazzjoni mill-

EIP. Għal dan il-għan, bħalissa qed jitfassal Rapport dwar il-Prestazzjoni tal-programm attwali.

Il-programm il-ġdid ikun soġġett kemm għal evalwazzjoni interim kif ukoll għal evalwazzjoni *ex-post*, sabiex ikun ivvalutat progress lejn li jintlaħqu l-għanijiet u li jinkisbu r-riżultati. L-evalwazzjoni interim tittlesta sal-aħħar tal-2017 sabiex tagħti input għat-tħejjija ta' strument suċċessur tal-programm. L-evalwazzjoni *ex-post* ssir fi żmien sentejn minn meta jitlesta l-programm.

Fil-każ tal-Istrumenti Finanzjarji, is-sistema futura ta' monitoraġġ u evalwazzjoni se tkun ibbażata kemm fuq informazzjoni regolari dwar il-benefiċjarji miġbura mill-intermedjarji finanzjarji u fuq sħarriġiet intermittenti bbażati fuq kampjuni li jkopru ċertu elementi fiżjed dettall. Issir iżjed analiżi fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tal-programm. B'mod partikolari, it-tali evalwazzjonijiet iqabblu l-iżvilupp tal-benefiċjarji mal-gruppi tal-intrapriżi li ma jużawx l-istrumenti provduti. Dawn tal-aħħar jeħtieġu analiżi dettaljata, peress li naturalment hemm numru ta' fatturi li jinfluwenzaw l-iżvilupp ta' intrapriża individwali li jeħtieġ ikunu distinti mill-impatt tal-programm. L-iżjed aspetti importanti li jridu jkunu vvalutati fit-tali eżerċizzju huma fil-fatt it-telf fit-tkabbir u tal-impjiegi li ġej minn garanziji miċħuda jew minn applikazzjoni tal-kapital ta' riskju li ma ġietx aċċettata. Il-firxa tal-evalwazzjonijiet tkun ukoll estiża billi jiġu kkonsidrati l-impatti fuq l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi. Id-dejta meħtieġa għal dan il-għan se tinġabar permezz ta' sħarriġiet, ibbażati fuq kampjuni, minflok permezz ta' rappurtaġġ regolari, sabiex ikun evitat li jiġi impost piż sproporzjonat fuq l-intermedjarji u l-benefiċjarji finali.